MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2010

Talba Numru. 14/2010

**Charles Gruppetta**

**vs**

**Carmen Ayers**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz ta' l-attur illi talab lil dan it-Tribunal jiddikjara lill-intimata debitrici fil-konfront ta' l-attur fl-ammont ta' erba' mija u ghaxar ewro (€410.00), rapprezentanti l-prezz ta' oggetti mibjugha u kkunsinjati lilha fuq ordni taghha stess.

Bl-imghax u l-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra legali tal-21 ta' Awissu, 2009 u ta' l-ittra ufficjali tas-27 ta' Ottubru, 2009.

Il-konvenuta dehret fis-seduta quddiem dan it-Tribunal, datata 4 ta' Marzu, 2010, fejn infurmat lil dan it-Tribunal li kienet sejra tikkontesta t-talba, izda qatt ma pprezentat risposta.

Ra x-xhieda ta’ l-attur li kkonferma li l-ammont pretiz minnu kien ghadu dovut u l-konvenuta ma kienitx ghamlet xi pagamenti.

<u>Ikkunsidra</u>

Il-konvenuta kellha opportunita’ li tikkontesta din it-talba, u sahansitra dehret quddiem dan it-Tribunal, b’dik l-intenzjoni, izda mbaghad naqset li tadderixxi ruhha mal-proceduri legali, li jirrikjedu li tipprezenta r-risposta entro it-terminu previst mil-ligi, li f’dan il-kaz terminu ta’ tmintax-il (18) gurnata.

Minhabba nuqqas ta’ provi, it-Tribunal ser ighaddi biex jikkonferma t-talbiet attrici.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici, bl-ispejjes u l-imghax, kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------